

Brussell, 26 ta' Novembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0336(NLE)

13098/20
ADD 1

TRANS 529
COWEB 163

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Novembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	ANNESSI ta' COM(2020) 759 final
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2021

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument ANNESSI ta' COM(2020) 759 final.

Mehmuż: ANNESSI ta' COM(2020) 759 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.11.2020
COM(2020) 759 final

ANNEX

ANNESSI

ta'

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat ta'
Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-
Komunità tat-Trasport għall-2021**

ANNEX I

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru /2020

TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' ...

dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2021

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b' mod partikolari l-Artikoli 24(1) u 35 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

B'dan hu adottat il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2021, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tar-regoli finanzjarji u l-proċeduri tal-awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, l-appropriazzjonijiet ta' linja baġitarja partikolari tal-baġit tal-2021 jistgħu jintużaw għall-finijiet li l-baġit jattribwixxi lil linja baġitarja oħra, fil-limitu totali ta' 10 % tal-appropriazzjonijiet tal-linja baġitarja msemmija l-ewwel. Dan ma għandux japplika għal-linja baġitarja li tikkonċerna l-baġit tar-riżorsi umani.
- (2) L-appropriazzjonijiet riportati fid-dawl li jikkorrispondu għal obbligi ffirmati fi tmiem l-2020, kif speċifikat fil-baġit meħmuż, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-użu msemmi fl-ewwel paragrafu. Dawn ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tal-ammont massimu li jikkorrispondi għal-limitu ta' 10 % imsemmi fihom.

Artikolu 3

- (3) L-appropriazzjonijiet li ma jkunux ġew impenjati fi tmiem is-snin finanzjarji 2019 u 2020 għandhom jitħassru u jitħallsu lura lill-Partijiet skont il-perċentwali stabbiliti fl-Anness V tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport u l-kontribuzzjonijiet mħallsa attwali.

Magħmul fi ..., fi ... 2020.

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-President

BAĠIT TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT GĦAS-SENA 2021

Linja baġitarja	Ammont (EUR)
1. Is-Segretarjat Permanenti	
1.1. Riżorsi Umani	1 465 706
1.2. Kostijiet tal-Ivvjaġġar	237 600
1.3. Kostijiet tal-uffiċċju, tagħmir u softwer	403 080
- <i>Li minnhom, krediti ġodda</i>	308 080
- <i>Li minnhom, approprjazzjonijiet baġitarji riportati li jikkorrispondu għal obbligi ffirmati fi tmiem l-2020 u li għalihom huma dovuti pagamenti fl-2021</i>	95 000 ¹
1.4. Kostijiet u servizzi oħra, inkluż: - Servizzi esternalizzati u servizzi oħra (Awdiżjar, Viżibbiltà, Taħriġ tal-persunal, Imposti bankarji) - Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi - Kostijiet ta' Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u Komunikazzjoni - Spejjeż tar-reklutaġġ	262 890
1.5. STUDJI, Assistenza Teknika għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Acquis tal-UE u għall-Pjanijiet ta' Azzjoni.	690 000
- <i>Li minnhom, krediti ġodda</i>	560 000
- <i>Li minnhom, approprjazzjonijiet baġitarji riportati li jikkorrispondu għal obbligi ffirmati fi tmiem l-2020 u li għalihom huma dovuti pagamenti fl-2021</i>	130 000 ²
2. Kunsill Ministerjali	
2.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	60 000
3. Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali	
3.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	25 450
4. Kumitati Tekniċi	
4.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	114 100
5. Forum Soċjali	

¹ Ammont indikattiv: proċeduri ta' akkwist li għaddejjin għal telekonferenzi bil-vidjo u softwer għall-kontabbiltà/HR, il-kuntratti mistennija li jiġu ffirmati f'Diċembru 2020

² Ammont indikattiv: proċedura ta' akkwist li għaddejjin għal Assistenza Teknika għal Osservatorju tat-Transport, il-kuntratt mistenni li jiġi ffirmat f'Diċembru 2020

5.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	16 300
Riżerva (madwar 8 % ta' krediti ġodda)	249 874
Kreditu ġodda totali	3 300 000
Ammonti totali riportat mill-2020	225 000³
Total globali	3 525 000⁴
Kontribuzzjoni tal-UE (80 % ta' kreditu ġodda)	2 640 000
Kontribuzzjoni tal-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa (20 % ta' kreditu ġodda: l-Anness V tat-TCT jipprova d-distribuzzjoni skont kull pajjiż)	660 000

³ Ammont indikattiv, ammont finali li jrid jiġi kkonfermat f'Diċembru 2020 mal-għeluq tal-proċeduri ta' akkwist korrispondenti u l-iffirmar tal-kuntratti

⁴ Ammont indikattiv, ammont finali li jrid jiġi kkonfermat meta l-ammont totali riportat mill-2020 jkun magħruf